Rebecca Mifsud u Jane Mifsud

Vs

Hamilton Travel Co. Ltd

CCT 26/23/CC

Illum 11 ta' Lulju 2023

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ipprezentata fl-14 ta' Frar 2023, fejn talbu ir-rifuzjoni ta' l-ammont ta' €260 (mitejn u sittin ewro) rapprezentanti somma mhallsa mir-rikorrenti ghal servizz ta' taxi waqt vaganza lejn l-Amerka u l-Kanada, liema vaganza r-rikorrenti pprenotaw mas-socjeta intimata.

Ra li s-socjeta intimata debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezentat risposta relattiva fit-terminu koncess lilha mill-Ligi, fejn it-talba avvanzata mir-rikorrenti giet kkontestata ghar-ragunijiet elenkati fir-risposta.

Fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2023 entrambi l-partijiet ipprezentaw ix-xhieda taghhom, inkluz diversi provi dokumentarji.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lil-partijiet jixhdu bil-gurament fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2023.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li r-rikorrenti ipprenotaw vaganza lejn l-Amerka u l-Kanada mas-socjeta intimata, liema vaganza sehhet f' Settembru 2022. F'din il-vaganza r-rikorrenti kellhom diversi 'transfers', fosthom transfer mill-arjuport ta' New York. Ir-rikorrenti Jane Mifsud tispjega li filwaqt li hija harget sodisfatta bis-servizz rez mis-socjeta intimata, qabel id-data tat-tluq tal-vaganza hija kkuntatjat lis-socjeta intimata sabiex tikkonferma li kollox imur tajjeb rigward dan it-transfer partikolari, u dan peress li hija flimkien mal-familjari taghha ma

kienx ser ikollhom servizz ta' telefon cellulari kif jaslu fl-ajruport. Jidher li s-socjeta intimata spjegatilhom il-procedura, u tathom ukoll il-vouchers relattivi tat-transfers, u anke xi numri tat-telefon f'kaz ta'emergenza.

Illi jirrizulta li fil-gurnata partikolari, r-rikorrenti esperjenzaw dewmien fit-titjira taghhom u waslu oltre l-hin skedat fl-ajruport ta' New York. Ir-rikorrenti Jane Mifsud tispjega li wara li huma ghamlu xi hin jistennew fl-ajruport, iddecidew li jibbukjaw servizz ta' taxi, li ghalih hallsu l-ammont ta' €260 (mitejn u sittin ewro). Ir-rikorrenti tispjega li huma dak il-hin ma kellhomx servizz ta' telefon cellulari.

Illi in segwitu li r-rikorrenti telqu bit-taxi mill-ajruport, ircievew telefonata mix-xufier tat-taxi li kien qieghed jistennihom l-ajruport, u infurmawh li huma kienu telqu f'taxi ohra, u kienu qedghin jitolbu rifuzjoni ta' l-ammont imhallas minnhom ghat-taxi.

Illi sussegwentement jirrizultaw diversi skambji bejn il-partijiet rigward ir-rifuzjoni ta' l-ammont ta' €260 (mitejn u sittin ewro), rapprezentanti hlas ta' taxi.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta intimata Christopher Eckett, li jokkupa l-kariga ta' Travel Consultant u Business Development Consultant ma' l-istess socjeta intimata, ta rendikont dettaljat ta' l-akkadut. Illi jidher li s-socjeta intimata precedentement ghat-tluq minn Malta tar-rikorrenti kienet spjegat lir-rikorrenti rigward it-transfers li huma kellhom mal-vaganza pprenotata minnhom, kif ukoll tahom dokumentazzjoni relattiva f'kaz ta' xi emergenza partikolari. In segwitu li r-rikorrenti avvanzaw l-ilment taghhom mas-socjeta intimata, jirrizulta li l-istess socjeta intimata wettqet verifiki ulterjuri mas-socjeta estera 'Holiday Taxis', li tipprovdi s-servizz ta' transfers u infurmat lir-rikorrenti rigward l-ezitu minn tali verifiki. Illi l-istess xhud spjega wkoll li t-titjiriet kollha huma immoniterjati mis-socjeta estera li tipprovi tali transfers u ghalhekk f'kaz ta' dewmien fit-titjiriet, isiru l-arrangamenti mill-istess socjeta estera, sabiex il-klijent ikollu s-servizz ta' transfer fil-hin tal-wasla.

Illi t-Tribunal jinnota li d-dokumentazzjoni ipprezentata mis-socjeta intimata tikkorabora t-tezi ta'l-istess socjeta intimata. Illi jidher li f'dan il-kaz ir-rikorrenti ma kkomunikawx fuq in-numri pprovduti lilhom f'kaz ta' emergenza, u minghajr ma ghamlu dan, hallsu servizz ta' taxi ghal ammont ta' €260 (mitejn u sittin ewro).

Illi inoltre, it-Tribunal jinnota ulterjorment li filwaqt li l-ilment mressaq mir-rikorrenti huwa bbazat fuq il-punt li huma ma kellhomx servizz ta' telefon

cellulari mal-wasla taghhom l-ajruport ta' New York, ftit wara li huma tellqu bit-taxi mill-ajruport, huma ircievew telefonata mix-xufier tat-taxi li kien qieghed jistennihom l-ajruport. Dan il-punt jikkontradixxi l-versjoni mressqa mill-istess rikorrenti.

Finalment it-Tribunal jirrimarka fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern, min analizi tal-provi prodotti mill-partijiet, is-socjeta intimata ghamlet dak kollu mehtieg minnha sabiex tipprovdi servizz tajjeb u ta' kwalita lil konsumatur.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, ha konjizzjoni ta' l-atti ipprezentati mill-partijiet, iqis li t-Talba avvanzata mir-rikorrenti ma hijiex gustifikata u ghalhekk ghandha tigi michuda.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad t-Talba mressqa mir-rikorrenti.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-istess rikorrenti.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru